



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 22.5.2024
COM(2024) 206 final

**KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW,
LILL-KUNSILL, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U LILL-
KUMITAT TAR-REĠJUNI**

L-Unjoni Ewropea tas-Saħħa: naġixxu flimkien għas-saħħa tan-nies

L-Unjoni Ewropea tas-Saħħa: naġixxu flimkien għas-saħħa tan-nies

1. Introduzzjoni

Kważi 5 snin ilu, il-Kummissjoni Von der Leyen bdiet il-mandat tagħha bi pjanijiet ambizzjużi għall-azzjoni tal-UE fis-saħħa. Hija impenjat ruħha li tappoġġa lill-Istati Membri biex itejbu b'mod kostanti l-kwalità u s-sostenibbiltà tas-sistemi tas-saħħa tagħhom¹, jindirizzaw l-isfidi tas-soċjetà ewlenin bħall-prevenzjoni u l-kura tal-kanċer, jiżguraw li l-Ewropa jkollha provvista sostenibbli ta' mediċini affordabbli, u jimmassimizzaw il-potenzjal tas-saħħa diġitali. Dawn l-inizjattivi saru pilastri ċentrali tal-viżjoni li illum nafuha bħala l-Unjoni Ewropea tas-Saħħa.

Inqas minn xahar wara l-bidu tal-mandat tagħha, faqqgħet il-pandemija tal-COVID-19, li kkawżat miljuni ta' mwiet u ħsara soċjoekonomika u għas-saħħa mingħajr preċedent. Il-pandemija ħasdet id-dinja, żvelat dipendenzi strateġiċi u kixfet il-lakuni fit-tnejjija. Wara sfidi bikrija, l-UE wiegħbet b'azzjoni konkreta u deċiżiva, fejn uriet is-setgħa tas-solidarjetà fl-indirizzar ta' theddida għas-saħħa mingħajr preċedent, irrestawrat il-ħajja ekonomika u soċjali, u enfasizzat il-ħtieġa għal soluzzjonijiet aktar strutturali u estensivi.

L-istrategġija tal-UE għall-Vaċċini² ippreżentata f'Ġunju 2020, kienet storja Ewropea ta' suċċess li għenet lill-UE twassal il-vaċċini li salvaw mill-inqas 1,4 miljun ħajja fl-Ewropa³. Il-ħeffa tal-irrankar industrijali kienet mingħajr preċedent, mill-iżvilupp, l-evalwazzjoni, l-awtorizzazzjoni, u l-produzzjoni, sad-distribuzzjoni; u b'hekk il-vaċċini saru disponibbli għaċ-ċittadini kollha fl-istess ħin, u bl-istess kundizzjonijiet, irrispettivament minn fejn kienu qed jgħixu fl-UE. Ġew żgurati 4,6 biljun doża għall-Ewropej u għall-pajjiżi sħab. Matul l-aktar fażi akuta, aktar minn 80 % tal-popolazzjoni adulta tal-UE tlaqqmet kontra l-COVID-19, b'mill-inqas kors primarju fi sforz storiku u pan-Ewropew biex jiġu protetti ċ-ċittadini tagħna. Il-ħolqien sussegwenti taċ-Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE għen biex jerġgħu jinfetħu s-soċjetajiet tal-Ewropa, jerġgħu jinbnew in-negozji, u ppermetta lin-nies jerġgħu jibdedw jivvjaġġaw b'mod sikur — biex l-UE tersaq eqreb lejn il-ħajja normali.


Il-kooperazzjoni u s-solidarjetà Ewropea marru ferm lil hinn mill-fruntieri tagħna, u l-UE u l-Istati Membri saru l-akbar fornitur tal-vaċċini fid-dinja meta d-disponibbiltà tal-vaċċini kienet kwistjoni ta' ħtieġa ewlenija. Aktar minn 530 miljun doża ngħataw lill-pajjiżi b'introjtu baxx u medju. Barra minn hekk, l-Unjoni żgurati il-konsenja ta' aktar minn 190 miljun biċċa tagħmir protettiv mediku u personali, bħal maskri jew ingwanti, lill-pajjiżi sħab. Dawn il-kisbiet ma kinux ikunu possibbli mingħajr il-kollaborazzjoni mill-qrib bejn il-Parlament Ewropew, l-Istati Membri, il-Kummissjoni, is-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna, l-Aġenziji tal-UE, u l-atturi internazzjonali. Ir-rwol ewleni tal-UE fix-xena internazzjonali ppermetta l-aċċess għat-tilqim għall-popolazzjonijiet kollha, inklużi daww l-aktar vulnerabbli, li jgħixu f'ambjenti umanitarji, fraġli jew affettwati mill-kunflitti. Iċ-Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE sar l-istandard globali għall-mobbiltà fil-livell internazzjonali u appoġġa l-ftuħ mill-ġdid

¹ [mission-letter-stella-kyriakides_en.pdf \(europa.eu\)](#)

² [Strategġija tal-UE għall-Vaċċini \(europa.eu\)](#)

³ https://www.who.int/europe/news/item/16-01-2024-covid-19-vaccinations-have-saved-more-than-1.4-million-lives-in-the-who-european-region--a-new-study-finds_

tal-attività ekonomika fil-livell globali.



Id-determinazzjoni u l-approċċ ikkoordinat tal-Ewropa ppermettew li l-pandemija tal-COVID-19 tiġi ġestita kemm jista' jkun malajr u b'mod effettiv kemm jista' jkun. Madankollu, din l-esperjenza trawmatika pprovdiet lezzjonijiet ħorox iżda importanti. Hija żvelat il-punti dgħajfa fis-sistemi tas-saħħa Ewropej u enfasizzat il-ħtieġa għal approċċ "Saħħa Waħda" aktar b'saħħtu, ibbażat fuq ir-rabtiet bla xkiel bejn is-saħħa tal-bniedem, tal-annimali u tal-pjanti minn naħa waħda, u l-ambjent min-naħa l-oħra. Amplifikat ukoll il-konnessjonijiet bejn is-saħħa u r-reżiljenza ekonomika u l-awtonomija strateġika miftuħa tal-Unjoni. Barra minn hekk, enfasizzat il-ħtieġa għal tmexxija akbar tal-UE fis-saħħa globali filwaqt li tirrikonoxxi l-importanza tas-saħħa bħala fattur ġeopolitiku.

Forsi fuq kollox, il-pandemija enfasizzat l-importanza tas-saħħa pubblika fil-quċċata tal-aġenda politika, u wriet il-modi tanġibbli ħafna kif l-Unjoni tista' tikkomplementa u żżid il-valur tal-politiki nazzjonali fit-titjib tal-ħajja ta' kuljum u l-benesseri taċ-ċittadini. Dan l-approċċ iwassal għal aspettattivi ċari miċ-ċittadini fir-rigward tal-protezzjoni u l-promozzjoni ta' saħħithom. L-aħħar stħarriġiet tal-Ewrobarometru u tal-Opinjoni Pubblika^{4 5} wrew li s-saħħa hija fost l-oġhla prijoritajiet taċ-ċittadini Ewropej. L-Unjoni Ewropea tas-Saħħa nħolqot biex tilħaq l-aspettattivi tagħhom.

L-investment fis-saħħa dejjem jagħti riżultati. Il-pandemija wriet kif is-saħħa pubblika hija prerekwiżit biex is-soċjetajiet u l-ekonomiji jiffunzjonaw. Kriżi tas-saħħa primarjament tikkaġuna t-telf tal-ħajjiet, tista' tfixkel il-moviment liberu tal-persuni u tal-merkanzija li l-UE hija impenjata li tipproteġi, twaqqaf it-tkabbir ekonomiku u tfixkel il-funzjonijiet soċjali essenzjali, mill-edukazzjoni u s-servizzi tas-saħħa sal-funzjonament tad-demokrazzi tagħna.

L-aħħar 5 snin kienu kkaratterizzati mhux biss mill-pandemija tal-COVID-19, iżda wkoll minn sfidi ġeopolitiċi severi, b'mod partikolari l-gwerra ta' aggressjoni mhux ġustifikata tar-Russja kontra l-

⁴ [EP Autumn 2021 Survey: Defending Democracy | Empowering Citizens - Frar 2022 - - stħarriġ tal-Ewrobarometru \(europa.eu\)](#)

⁵ [Public opinion in the EU in time of coronavirus crisis 2 \(europa.eu\)](#)

Ukrajna, il-kriżi tal-Lvant Nofsani u l-impatti dejjem akbar tat-tibdil fil-klima u t-trasformazzjoni diġitali, li lkoll kellhom u għad għandhom impatti profondi fuq is-saħħa taċ-ċittadini tal-UE u lil hinn minnha.

L-Unjoni Ewropea tas-Saħħa hija t-tweġiba tagħna għal dan ix-xenarju globali li qed jevolvi b'mod rapidu. Hija bbażata fuq il-prinċipji li l-ekwità fl-aċċess hija dritt fundamentali tal-bniedem u li l-politika tas-saħħa ma tistax tibqa' limitata għall-konfini prepandemiċi tagħha — azzjoni konġunta fil-livell Ewropew hija kruċjali għall-benesseri tas-soċjetà tal-Ewropa, l-awtonomija strateġika tagħna u l-istabbiltà ġeopolitika tagħna.

Skont dan l-approċċ il-ġdid, l-Istati Membri jippreparaw, jipprevjenu u jipproteġu liċ-ċittadini tagħhom billi jaġixxu flimkien, fejn tkun meħtieġa azzjoni Ewropea konġunta. Hija bbażata fuq sett ta' pilastri ewlenin:

- Qafas ġdid għall-kriżijiet tas-saħħa: b'regoli effettivi biex jiġi indirizzat it-theddid għas-saħħa u Awtorità għat-Tħejjija u għar-Rispons f'Każ ta' Emerġenza tas-Saħħa ġdida li tippermetti lill-UE u lill-Istati Membri jiġiejjew aħjar għall-kriżijiet emerġenti u jirreaġixxu għalihom flimkien;
- Sigurtà tal-provvista medika: bi trattamenti u prodotti mediċinali affordabbli, aċċessibbli u innovattivi għal kulħadd;
- Politiki tas-saħħa moderni u innovattivi: nipproteġu aħjar is-saħħa taċ-ċittadini tagħna u nużaw il-potenzjal ta' teknoloġiji ġodda.

B'mod kruċjali, kienet appoġġata mill-aktar programm ambizzjuż ta' finanzjament tas-saħħa tal-UE fl-istorja, l-UE għas-Saħħa.

Kull azzjoni fil-qafas l-Unjoni Ewropea tas-Saħħa tfasslet u twettqet biex tagħmel liċ-ċittadini aktar sikuri u f'saħħithom. U permezz ta' dawn l-azzjonijiet, l-Unjoni Ewropea ħadet passi rivoluzzjonarji biex tipproteġi u tippromwovi s-saħħa u ssaħħaħ is-sistemi tas-saħħa madwar l-Ewropa.

2. It-tiŝiħ tas-sigurtà tas-saħħa għaċ-ċittadini tal-UE

2.1 L-indirizzar ta' theddid transkonfinali serju għas-saħħa

Fid-dinja dejjem aktar mobbli u interkonnessa tal-lum, iċ-ċittadini tal-UE jistennu li l-gvernijiet tagħhom jipproteġuhom minn theddid għas-saħħa, li jista' faċilment jinfirex bejn il-fruntieri nazzjonali. L-esperjenza ta' dawn l-aħħar 5 snin uriet b'mod profond il-ħtieġa li l-Istati Membri jirrispondu għall-kriżijiet tas-saħħa flimkien, u b'mod koordinat.

Regoli ġodda tal-UE **dwar theddid transkonfinali serju għas-saħħa** jirrispondu għal din il-ħtieġa u huma s-sinjala tal-qafas tas-sigurtà tas-saħħa tal-UE. Dawn ir-regoli msaħħa, fis-seħħ minn Diċembru 2022, jippermettu lill-UE tantiċipa, tħejji, u tirrispondi għal theddid kbir għas-saħħa — mhux biss il-mard infettiv iżda wkoll ir-riskji ambjentali, relatati mal-klima jew kimiċi. Pereżempju, il-Kummissjoni, flimkien mal-Kumitat għas-Sigurtà tas-Saħħa (HSC), issa tista' tadotta malajr gwida dwar il-miżuri ta' rispons biex tindirizza t-theddid emerġenti jew tiddikjara emerġenza tas-saħħa pubblika fil-livell tal-Unjoni, li jiskattaw żieda fil-koordinazzjoni u jattivaw finanzjament ta' emerġenza għall-kontromiżuri

mediċi. Il-Kummissjoni, b'ħidma mill-qrib mal-Istati Membri u l-aġenziji rilevanti tal-Unjoni, qed tiżviluppa wkoll Pjan komprensiv tal-Unjoni ta' Prevenzjoni, Tħejjija u Rispons.

Illum, l-UE tista' tgħin aħjar lill-Istati Membri u lill-pajjiżi sħab biex iħejju għal xokkijiet għas-saħħa, u biex jirreaġixxu meta tinqala' kriżi. HSC tal-UE msaħħaħ jiżgura kooperazzjoni u koordinazzjoni aħjar bejn l-Istati Membri. L-HSC kellu rwol importanti fil-koordinazzjoni tal-Kummissjoni tar-rispons tal-UE għall-pandemija tal-COVID-19, kif ukoll fl-2022 fil-kuntest tat-tifqigħat tal-ġidri tax-xadini u tal-Ebola. Illum, qed jindirizza b'mod attiv l-influenza tat-tjur fost l-animali u l-bnedmin⁶ u theddid potenzjali ieħor. Meta emerġenza tkun akbar mill-kapaċitajiet ta' rispons ta' pajjiż fl-Ewropa jew lil hinn minnha, dan jista' jitlob l-assistenza permezz tal-Mekkaniżmu tal-Unjoni għall-Protezzjoni Ċivili (UCPM), li jista' jinkludi appoġġ mediku ta' emerġenza.

Is-sorveljanza għandha rwol kruċjali fir-rigward tal-protezzjoni tas-saħħa, u l-kondiviżjoni tad-*data* tfisser li l-UE tista' timmonitorja aħjar ix-xejriet tal-mard komunikabbli, tidentifika t-tifqigħat u tevalwa l-effettività tal-miżuri tas-saħħa pubblika. Il-Kummissjoni qed tgħin lill-Istati Membri jsaħħu s-sistemi ta' sorveljanza nazzjonali tagħhom, inkluż is-sorveljanza tal-ilma mormi, u qed tgħaqqad is-Sistema ta' Twissija Bikrija u ta' Rispons (EWRS) tal-UE ma' sistemi ta' twissija oħra tal-UE.

Ix-xjenza ggwidat lid-dinja biex toħroġ mill-pandemija, u l-kooperazzjoni xjentifika toffri wkoll il-perkors l-aktar sigur lejn futur aktar sigur u b'saħħtu. Il-Programmi Qafas tal-UE għar-Riċerka u l-Innovazzjoni, li huma parti mill-akbar programmi ta' finanzjament għar-riċerka, l-iżvilupp u l-innovazzjoni fid-dinja, appoġġaw il-proġetti f'diversi oqsma, inkluż ir-riċerka fit-tul dwar l-mRNA li kkontribwiet għall-iżvilupp tal-vaċċini kontra l-COVID-19. Bħala rispons għall-pandemija, il-Kummissjoni wiegħdet EUR 1 biljun għar-riċerka dwar il-coronavirus, inkluż biex jitwettqu provi kliniċi fuq skala kbira fl-UE kollha. B'appoġġ finanzjarju ta' EUR 100 miljun, il-Bank Ewropew tal-Investiment kien strumentali biex jgħin lill-kumpanija Ewropea BioNTech tuża t-teknoloġija mRNA għall-iżvilupp ta' vaċċin kandidat kontra l-COVID-19. Il-Kummissjoni stabbiliet network ta' laboratorji tas-saħħa pubblika ta' klassi dinjija (DURABLE) u ddeżinjat l-ewwel sitt⁷ laboratorji ta' referenza tal-UE għas-saħħa pubblika f'Marzu 2024, li jgħinu biex jiżdiedu l-kapaċitajiet tal-laboratorji madwar l-UE u biex jippromwovu prattiki tajbin. Barra minn hekk, l-UE u l-Istati Membri qablu li jissimplifikaw u jisfruttaw l-isforzi tar-riċerka permezz ta' Sħubija Ewropea dwar it-Tħejjija għall-Pandemiji.

Il-pandemija tal-COVID-19 enfasizzat il-ħtieġa vitali ta' kapaċitajiet ta' manifattura sodi u ktajjen tal-provvista reżiljenti, li jesponu l-vulnerabbiltajiet sinifikanti li jħallu impatt fuq is-saħħa globali u l-istabbiltà ekonomika. B'reazzjoni għal dan, il-Kummissjoni Ewropea stabbiliet it-Task Force għall-Produzzjoni Industrijali fuq skala akbar tal-Vaċċini kontra l-COVID-19⁸. Din it-Task Force ħadmet mill-qrib mal-partijiet ikkonċernati tal-industrija biex ittaffi l-konġestjonijiet fil-produzzjoni tal-vaċċini, timmappja l-ktajjen tal-provvista b'mod effettiv, u tiżgura l-kapaċità tal-manifattura fit-tul fl-Ewropa, u b'hekk tikkatalizza aktar miżuri għall-mediċini kritiċi lil hinn mill-vaċċini kontra l-COVID-19 biss.

L-aħħar 5 snin u l-esperjenza tal-ġestjoni tal-pandemija wrew il-valur kritiku ta' dawn l-inizjattivi fil-

⁶ [Opinion of the Health Security Committee on zoonotic avian influenza - il-Kummissjoni Ewropea \(europa.eu\)](https://ec.europa.eu/health/scientific_committees_opinion_of_the_health_security_committee_on_zoonotic_avian_influenza_-_il-kummissjoni-ewropea_europa.eu)

⁷ Ir-reżistenza għall-antimikrobiċi (AMR) fil-batterji; il-patoġeni virali li jinġarru minn vettur; il-patoġeni virali emerġenti, li jinġarru minn rodituri u daww zoonotiċi; il-patoġeni batteriċi emerġenti u zoonotiċi ta' riskju għoli; il-*Legionella*; u d-differite u s-sogħla konvulsiva.

⁸ https://single-market-economy.ec.europa.eu/coronavirus-response/task-force-industrial-scale-covid-19-vaccines_en

protezzjoni tas-saħħa taċ-ċittadini, b'mod partikolari dawk l-aktar esposti u vulnerabbli bħat-tfal, l-anzjani u l-persuni b'diżabbiltà u, biex tingħeleb kriżi tas-saħħa mingħajr preċedent.

2.2 Il-ħolqien ta' Awtorità għat-Tħejjija u għar-Rispons f'Każ ta' Emerġenza tas-Saħħa (HERA)


Il-pandemija tal-COVID-19 enfasizzat l-importanza vitali ta' kontromiżuri mediċi waqt emerġenzi tas-saħħa, inkluż id-dijanostika, il-vaċċini, it-terapiji, u t-tagħmir protettiv personali. Uriet ukoll li l-finanzjament tal-UE u tal-Istati Membri kien strumentali fl-iżgurar tal-aċċess għat-teknoloġiji tal-mRNA messaġġiera għall-vaċċini kontra l-COVID-19. L-appoġġ tal-UE kien kruċjali għall-iżvilupp ta' vaċċini tas-salvataġġ fi żmien rekord.

Fl-2021, il-Kummissjoni ħolqot l-Awtorità għat-Tħejjija u għar-Rispons f'Każ ta' Emerġenza tas-Saħħa (HERA). Il-HERA hija mfassla, f'koordinazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri, l-industrija u s-soċjetà ċivili biex issaħħaħ l-iżvilupp, il-manifattura, l-akkwist, u d-distribuzzjoni ekwa ta' kontromiżuri mediċi kritiċi biex tiproteġi lill-Ewropej f'każ ta' emerġenza tas-saħħa pubblika. Fi kriżi tas-saħħa, l-akkwist konġunt jista' jkun għodda kruċjali biex tiġi sfruttata l-kapaċità tal-akkwist tal-Istati Membri u jiġu żgurati l-istess prodotti għaċ-ċittadini kollha, irrispettivament minn fejn jgħixu. B'mod indikattiv, il-HERA akkwistat vaċċini ġimagħtejn wara l-ewwel sinjali tat-tifqigħa tal-ġidri tax-xadini tal-2022 fl-UE⁹. Il-HERA qed tiżgura wkoll l-aċċess għall-vaċċini pandemiċi u prepandemici biex tiproteġi lill-Ewropej mill-influenza tat-tjur.

Il-HERA qed tmexxi l-isforzi industrijali, tar-riċerka u tal-innovazzjoni biex toħloq il-ġenerazzjoni li jmiss ta' għodod biex jiġi indirizzat it-theddid transkonfinali serju għas-saħħa. Biex tiżgura l-flessibbiltà massima, għandha modalità ta' ħidma doppja: waħda li tiffoka fuq it-tħejjija u t-tieni waħda li tiġi attivata biss matul l-emerġenzi. Ladarba tkun ġiet iddikjarata emerġenza tas-saħħa pubblika, il-qafas ta' miżuri ta' emerġenza tal-UE biex tiġi żgurata l-provvista ta' kontromiżuri mediċi rilevanti għall-krizi¹⁰ jista' jiġi attivat mill-Kunsill. Il-Bord għall-Kriżi tas-Saħħa, flimkien mal-ħidma li għaddejja tal-Bord tal-HERA, jiżgura azzjonijiet ikkoordinati bejn l-Istati Membri dwar kwistjonijiet relatati mal-iżvilupp, il-produzzjoni, l-akkwist, u d-distribuzzjoni ta' kontromiżuri mediċi fiż-żmien ta' kriżi u tħejjija. F'emerġenzi tas-saħħa pubblika, il-Bord għall-Kriżi tas-Saħħa u l-Kumitat għas-Sigurtà tas-Saħħa jaħdmu f'koordinazzjoni mill-qrib.

⁹ https://ec.europa.eu/commission/presscorner/detail/mt/ip_22_4363

¹⁰ <https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=CELEX%3A52021PC0577>



Biex issaħħaħ it-tnejnija għas-saħħa, il-HERA nediet is-Sistema globali ta' sorveljanza tal-ilma mormi¹¹, li għandha l-potenzjal li ssir sistema internazzjonali ta' sorveljanza għad-detezzjoni bikrija u l-monitoraġġ fil-ħin reali tat-theddid u t-tifqigħat epidemiċi. Billi tidentifika t-theddid u tevalwa kif l-aħjar tindirizzahom b'kontromiżuri mediċi, il-HERA qed tistabbilixxi portafoll wiesa' ta' inizjattivi li jippermettu lill-UE tirrispondi malajr għall-mard X¹². Barra minn hekk, il-Kummissjoni u l-Bank Ewropew tal-Investment ħolqu l-HERA Invest, żieda ta' EUR 100 miljun għall-programm InvestEU, iffinanzjat mill-programm l-UE għas-Saħħa, biex jiġu appoġġati r-riċerka u l-iżvilupp fl-aktar theddid transkonfinali urġenti għas-saħħa.

Permezz ta' dawn l-azzjonijiet, il-HERA qed tiżgura li l-UE jkollha l-kapaċità li tiżviluppa u tipproduċi l-kontromiżuri malajr u fuq l-iskala meħtieġa fi żminijiet ta' kriżi. Jista' jiġi mobilizzat finanzjament għar-riċerka ta' emerġenza, u n-networks tal-provi kliniċi tal-UE jistgħu jiġu attivati għall-ġenerazzjoni tad-*data* f'waqtha u soda. Fi żminijiet ta' kriżi, l-EU FAB, network ta' kapaċitajiet ta' produzzjoni dejjem lesti madwar l-UE, jista' jipproduċi 325 miljun doża ta' vaċċini fis-sena. Barra minn hekk, appoġġata minn investiment ta' EUR 1,65 biljun, il-Kummissjoni stabbiliet riżervi strateġiċi ta' kontromiżuri mediċi u qed taħdem fuq tagħmir ta' rispons għal theddid Kimiku, Bijoloġiku, Radjoloġiku u Nukleari (CBRN) fil-qafas tal-UCPM — rescEU, biex iżżid it-tnejnija u bħala xibka ta' sikurezza f'każ li l-istokkijiet tal-Istati Membri ma jkunux biżżejjed.

2.3 Mandati aktar b'saħħithom għall-ECDC u l-EMA

Imsaħħaħ mill-esperjenza tal-pandemija, il-mandat tal-**Aġenzija Ewropea għall-Mediċini** (EMA) twessa' biex iħejji, jipprevjeni, jikkoordina u jiġġestixxi l-impatt ta' emerġenzi tas-saħħa pubblika u avvenimenti maġġuri fuq il-prodotti mediċinali u fuq l-apparati mediċi. Fil-qafas tal-mandat estiż tagħha, l-EMA se tiffaċilita wkoll rispons ikkoordinat fil-livell tal-UE għall-emerġenzi tas-saħħa pubblika billi tipprovdi pariri xjentifiċi u tirrieżamina l-evidenza xjentifika disponibbli dwar il-mediċini.

lċ-Ċentru Ewropew għall-Prevenzjoni u l-Kontroll tal-Mard (ECDC) kellu rwol fundamentali fir-

¹¹ [Launching GLOWACON: A global initiative for wastewater surveillance for public health - il-Kummissjoni Ewropea \(europa.eu\)](#)

¹² Il-marda X tirrappreżenta l-għarfien li epidemija internazzjonali serja tista' tiġi kkawżata minn patoġenu li bħalissa mhux magħruf li jikkawża mard tal-bniedem. Il-marda X hija parti mil-lista tad-WHO ta' patoġeni prijoritarji (definizzjoni tal-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa).

rispons tal-UE għall-pandemija tal-COVID-19. Issa, wara li vvaluta l-istat ta' implimentazzjoni tal-pjanijiet nazzjonali ta' prevenzjoni, tnejn u rispons tal-Istati Membri u r-relazzjoni tagħhom mal-pjan ta' prevenzjoni, tnejn u rispons tal-Unjoni kif previst mir-Regolament dwar it-Theddid Transkonfinali Serju għas-Saħħa, l-ECDC jista' jidher ir-rakkomandazzjonijiet għall-azzjonijiet u l-istadji importanti li għandhom jiġu stabbiliti, kemm għall-Istati Membri kif ukoll għall-Kummissjoni. L-Aġenzija qed issaħħaħ is-sistemi ta' sorveljanza integrati u qed tikkoordina n-network il-ġdid tal-laboratorji ta' referenza tal-UE (EURLs). L-ECDC qed jistabbilixxi Task Force tal-UE għas-Saħħa għal interventi rapidi tas-saħħa f'każ ta' tifqigħa kbira, li tikkomplementa l-Mekkaniżmu tal-Unjoni għall-Protezzjoni Ċivili.

3. It-titjib tas-sikurezza, id-disponibbiltà u l-aċċess għall-mediċini, l-apparat mediku, u s-sustanzi ta' oriġini umana

3.1. Aċċess għal kulħadd għal mediċini sikuri, affordabbli u innovattivi

Madwar l-Ewropa, il-pazjenti u s-sistemi tal-kura tas-saħħa qed jiffaċċjaw aċċess mhux ugwali għall-mediċini, nuqqas ta' mediċini u saħnsitra l-ebda mediċina għal ċertu mard. Sabiex tindirizza dawn l-isfidi, f'Novembru 2020, il-Kummissjoni ppreżentat **Strateġija Farmaċewtika għall-Ewropa** ġdida¹³ u f'April 2023, ipproponiet l-aktar **riforma** sinifikanti **tar-regoli farmaċewtiċi tal-UE** f'aktar minn 20 sena.



Ir-riforma proposta tinkludi sistema mfasla mill-ġdid ta' inċentivi, biex ttejjeg lill-kumpaniji jiksbu l-oġġettivi tas-saħħa pubblika, jiġifieri aċċess aktar f'waqt u ugwali għall-mediċini fis-27 Stat Membru u l-ħtiġijiet mediċi mhux issodisfati tal-pazjenti tal-UE, b'mod partikolari dawk l-aktar vulnerabbli bħat-tfal, l-anzjani u l-persuni b'diżabbiltà. Huwa għalhekk li r-riforma tipproponi diversi miżuri biex jiġi ffaċilitat l-aċċess, b'mod partikolari fi Stati Membri iżgħar, li spiss jiġu injorati mill-kumpaniji, minħabba s-suq żgħir tagħhom, li mhux kummerċjalment attraenti. B'mod daqstant importanti, dawn l-inċentivi aktar immirati u s-simplifikazzjonijiet usa' proposti se jappoġġaw lill-industrija farmaċewtika Ewropea biex tibqa' innovatur u mexxej dinji.

Ladarba tiġi adottata mill-koleġżlaturi, ir-riforma proposta se tagħmilha possibli għall-pazjenti Ewropej, b'mod partikolari dawk li jgħixu f'pajjiżi iżgħar, li jirċievu l-mediċini aktar malajr. L-iżviluppaturi tal-mediċini se jirċievu appoġġ xjentifiku u regulatorju akbar mill-EMA, filwaqt li l-SMEs u l-iżviluppaturi mingħajr skop ta' qligħ se jirċievu faċilitazzjoni addizzjonali. Il-kumpaniji se

¹³ https://health.ec.europa.eu/medicinal-products/pharmaceutical-strategy-europe_mt

jibbenefikaw minn proċeduri mħaffa u ssimplifikati għall-evalwazzjoni u l-awtorizzazzjoni tal-mediċini, filwaqt li d-diġitalizzazzjoni se tnaqqas il-piż amministrattiv tagħhom. L-użu ta' ambjenti ta' esperimentazzjoni regolatorja, se jappoġġa l-innovazzjoni f'teknoloġiji fuq quddiem nett, inkluża l-bijoteknoloġija tas-saħħa, u jiżgura li s-sistema leġiżlattiva tibqa' valida fil-futur, filwaqt li jinżammu l-oġġetti standards ta' kwalità u sikurezza. Billi tippermetti li mediċini ġeneriċi u bijosimili jaslu fis-suq aktar malajr u tissimplifika l-proċeduri ta' awtorizzazzjoni tas-suq, ir-riforma hija mfasla biex tagħti wkoll lill-pazjenti aċċess aktar rapidu għal prodotti li huma orħos, iżda ta' kwalità għolja.

Filwaqt li tikkomplementa dawn il-miżuri leġiżlattivi, il-Kummissjoni Ewropea tappoġġa l-proġetti ta' kooperazzjoni¹⁴ għall-iskambju dwar il-politiki tal-ipprezzar, tal-pagamenti u tal-akkwist, sabiex jittiejbu l-affordabbiltà u l-kosteffettività tal-mediċini u s-sostenibbiltà tas-sistema tas-saħħa. Bħalissa, il-Kummissjoni qed tevalwa l-proposti biex tippermetti l-finanzjament pubbliku minn diversi Stati Membri ħalli jappoġġaw l-innovazzjoni rivoluzzjonarja fil-farmaċewtiċi, permezz tal-ewwel Proġett Importanti għas-saħħa ta' Interess Ewropew Komuni (Med4Cure). Dan il-proġett għandu l-għan li jappoġġa l-iżvilupp, u l-ewwel użu industrijali ta' trattamenti innovattivi u teknoloġiji ġodda bħall-pjattaformi tal-mRNA biex jiġu indirizzati r-reżistenza għall-antimikrobiċi, il-mard rari, u l-kanċer.

3.2. L-iżgurar tad-disponibbiltà ta' mediċini u apparati mediċi kritiċi

Ir-riskju ta' nuqqas ta' mediċini huwa ta' tħassib kbir għall-kura tas-saħħa kemm fl-UE kif ukoll globalment. L-Unjoni Ewropea tas-Saħħa qed tindirizza din l-isfida kemm b'miżuri regolatorji kif ukoll b'miżuri industrijali.

Ir-riforma farmaċewtika tipproponi miżuri biex tissaħħaħ is-sigurtà tal-provvista tal-aktar prodotti mediċinali kritiċi u tagħti lill-EMA rwol aktar b'saħħtu fil-koordinazzjoni tal-miżuri biex jittaffew in-nuqqasijiet. F'Ottubru 2023¹⁵, il-Kummissjoni pproponiet miżuri addizzjonali fuq terminu qasir u medju biex tiżgura azzjoni aktar sistemika u kkoordinata dwar in-nuqqas ta' mediċini. Dan kien jinkludi l-pubblikazzjoni tal-ewwel verżjoni tal-lista tal-Unjoni ta' mediċini kritiċi¹⁶ f'Diċembru 2023, b'aktar minn 200 sustanza attiva li l-kontinwità tal-provvista tagħhom hija prijorità. Barra minn hekk, il-Pjattaforma tat-Teknoloġiji Strateġiċi għall-Ewropa (STEP) se jkollha l-għan li tingrana l-fondi tal-UE biex tkompli tappoġġa l-iżvilupp u l-manifattura tal-bijoteknoloġiji u l-mediċini kritiċi.

F'April 2024, il-Kummissjoni nediet l-**Alleanza għall-Mediċini Kritiċi**¹⁷ bħala pjattaforma ta' kooperazzjoni biex tindirizza d-dimensjoni industrijali tan-nuqqasijiet. L-Alleanza tlaqqa' flimkien l-atturi pubbliċi u privati mill-ekosistema tas-saħħa u industrijali Ewropea, biex tipproponi rakkomandazzjonijiet ħalli tissaħħaħ is-sigurtà tal-provvista u jissaħħu l-ktajjen tal-provvista globali tal-mediċini kritiċi. Filwaqt li tibni fuq il-valutazzjoni tal-vulnerabbiltà tal-mediċini kritiċi, l-Alleanza se teżamina l-modi possibbli kif ittaffi r-riskji strutturali, u ssaħħaħ il-provvista billi tneġġeg id-diversifikazzjoni, kif ukoll timmodernizza u tagħti spinta lill-kapaċità tal-manifattura fil-livell tal-UE fejn meħtieġ. Il-ħidma tal-Alleanza se tikkontribwixxi wkoll għal inizjattiva leġiżlattiva possibbli għal

¹⁴ Fil-grupp ta' Awtoritajiet Nazzjonali Kompetenti dwar l-Ipprezzar u r-Rimborż u l-Kontribwenti tal-Kura tas-Saħħa Pubblika (NCAPR)

¹⁵ https://ec.europa.eu/commission/presscorner/detail/mt/IP_23_5190

¹⁶ https://ec.europa.eu/commission/presscorner/detail/mt/ip_23_6377

¹⁷ https://health.ec.europa.eu/health-emergency-preparedness-and-response-hera/overview/critical-medicines-alliance_en

“Att tal-UE dwar il-Mediċini Kritiċi” fil-futur.

Fl-2017, ir-Regolament dwar l-Apparati Mediċi (MDR, Medical Devices Regulation) u r-Regolament dwar l-apparati mediċi Dijanjostiċi *in vitro* (IVDR, Regulation on *in vitro* Diagnostics) stabbilew qafas leġiżlattivi tal-UE ġdid u aktar strett biex tiġi żgurata protezzjoni aħjar tas-saħħa pubblika u s-sikurezza tal-pazjenti wara tħassib dwar is-sikurezza, speċjalment fir-rigward tal-impjanti tas-sider u tal-ġenbejn. Skont ir-regoli l-ġodda, il-bażi tad-*data* EUDAMED se tiġi introdotta b’mod progressiv minn tmiem l-2025 u se tipprovi ħarsa ġenerali madwar l-UE kollha taċ-ċiklu tal-ħajja tal-prodotti kollha fis-suq tal-apparat mediku, filwaqt li ttejjeb it-trasparenza fis-sistema ġenerali u l-kapaċità tal-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq li jimmonitorjaw is-suq b’mod adegwat. L-emendi leġiżlattivi tal-MDR u tal-IVDR fl-2023 u l-2024 jestendu l-perjodi ta’ tranżizzjoni u jiżguraw il-kontinwità tal-provvista ta’ apparati kritiċi. Barra minn hekk, il-Kummissjoni stabbiliet azzjonijiet mhux leġiżlattivi biex tappoġġa s-settur u timmitiga r-riskji ta’ nuqqasijiet. Aktar tard din is-sena, il-Kummissjoni se tniedi evalwazzjoni mmirata tal-leġiżlazzjoni tal-UE dwar l-apparat mediku li tinkludi valutazzjoni strutturali tal-impatt fuq id-disponibbiltà tal-apparati mediċi u fuq l-innovazzjoni u l-kompetittività tas-sistema tal-apparat mediku fl-UE, bħala l-ewwel pass lejn l-identifikazzjoni ta’ soluzzjonijiet sostenibbli għall-futur.

3.3. Il-ġlieda kontra r-Reżistenza għall-antimikrobiċi

Ir-reżistenza għall-antimikrobiċi (AMR) hija waħda mill-akbar theddidiet għas-saħħa ta’ żminijietna. Bħalissa, aktar minn 35 000 persuna jmutu fl-UE kull sena minn infezzjonijiet reżistenti għall-mediċini, u mingħajr azzjoni deċiżiva, din iċ-ċifra se tiżdied fil-ġenerazzjoni li jmiss. L-AMR għandha impatt enormi fuq l-ekonomija u s-sistemi tal-kura tas-saħħa, li jissarraf f’madwar EUR 1,5 biljun fis-sena f’kostijiet tal-kura tas-saħħa u telf fil-produttività.

Kif rikonoxxut fl-Approċċ Strateġiku tal-UE għall-Farmaċewtiċi fl-Ambjent¹⁸, l-ambjent huwa riżerva ta’ reżistenza għall-antimikrobiċi li teħtieġ aktar fehim u azzjoni, peress li diversi residwi ta’ farmaċewtiċi (bħall-antibijotiċi jew l-antifungali) jistgħu jidħlu fl-ambjent matul l-użu tagħhom mill-bnedmin u mill-animalli. Biex tindirizza dawn l-isfidi, fl-2023, il-Kummissjoni pproponiet l-aktar azzjonijiet ambizzjużi tal-UE sal-lum kontra l-AMR, f’Rakkomandazzjoni li tistabbilixxi l-miri li għandhom jintlaħqu sal-2030 — inkluż tnaqqis ta’ 20 % fil-konsum tal-antibijotiċi fil-bnedmin sal-2030 fl-UE, fejn tappella għal impenji globali aktar b’saħħithom dwar l-AMR.

Ir-rieżami tal-leġiżlazzjoni farmaċewtika jinkludi inċentivi addizzjonali u innovattivi għall-kumpaniji farmaċewtiċi biex jiżviluppaw antimikrobiċi ġodda.

Azzjoni konġunta ġdida qed tgħin lill-Istati Membri tal-UE, kif ukoll lin-Norveġja, lill-Iżlanda u lill-Ukrajna, iwettqu l-azzjonijiet rakkomandati b’finanzjament mill-UE ta’ EUR 50 miljun. Il-Kummissjoni qed tappoġġa r-riċerka u l-iżvilupp ta’ antibijotiċi ġodda u trattamenti alternattivi biex tiġi indirizzata l-AMR. F’dan il-kontest, is-sħubija Ewropea futura dwar approċċ “Saħħa Waħda” kontra r-Reżistenza għall-Antimikrobiċi se tkun strumentali¹⁹. Qed ittejjeb ukoll l-aċċess għall-antimikrobiċi li għadhom kemm ġew żviluppati, inkluż permezz ta’ akkwist konġunt futur għall-antimikrobiċi u qed tniedi

¹⁸ eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/PDF/?uri=CELEX:52019DC0128

¹⁹ https://research-and-innovation.ec.europa.eu/funding/funding-opportunities/funding-programmes-and-open-calls/horizon-europe/european-partnerships-horizon-europe/health_en

proġett pilota ta' incensiv tat-tip pull, li jieħu l-forma ta' garanzija tad-dħul.

Globalment, il-Kummissjoni qed tingħaqad mad-WHO biex taġġorna l-lista ta' patoġeni batteriċi u fungali ta' prijorità, twestaq l-analiżijiet ippjanati għall-antimikrobiċi u d-dijanostika u tfassal il-profilu tal-prodotti fil-mira. Il-laqgħa ta' Livell Għoli tan-Nazzjonijiet Uniti dwar l-AMR f'Settembru 2024 hija perkors importanti għal riżultati konkreti fil-livell globali.

3.4. Sustanzi ta' Oriġini Umana sikuri u aċċessibli b'mod wiesa'

Sabiex jiġi żgurat l-oġġla livell possibbli ta' protezzjoni għal dawk li jagħtu jew jirċievu sustanzi bħad-demem, it-tessuti u ċ-ċelloli, il-Kummissjoni pproponiet regoli ġodda f'Lulju 2022. Fix-xhur li ġejjin²⁰, se jiġi adottat formalment Regolament ġdid li jaġġorna r-regoli dwar is-sikurezza u l-kwalità tas-sustanzi ta' oriġini umana (SoHO) biex tissaħħaħ il-protezzjoni tal-pazjenti kollha ttrattati b'trasfużjoni, b'trapjant, jew bir-riproduzzjoni assistita medikament. Dan itejjeb l-aċċess għal terapiji sikuri u ppruvati tas-SoHOs u joħloq aktar opportunitajiet għall-pazjenti madwar l-UE biex jaċċessaw it-trattament li jeħtieġu, irrispettivament minn fejn jgħixu. Fl-istess ħin, ir-regoli l-ġodda dwar is-SoHOs se jappoġġaw l-innovazzjoni.

INSALVAW U NBIDDLU L-ĦAJJIET (ĊIFRI FIS-SENA)



4. Sistemi tas-saħħa reżiljenti, aċċessibli u inklużivi

4.1 Nagħmlu s-sistemi tas-saħħa aktar reżiljenti

Is-sistemi tas-saħħa Ewropej iridu jissaħħu biex jindirizzaw l-isfidi attwali u futuri, li jinkludu popolazzjoni li qed tixjieħ, il-prevalenza dejjem akbar ta' mard mhux komunikabbli, it-tibdil fil-klima, u riskju akbar ta' mard infettiv. Sistemi tas-saħħa reżiljenti jeħtieġu investiment sostenibbli u forza tax-xogħol b'ħiliet speċjalizzati, u l-Unjoni Ewropea tas-Saħħa tappoġġa lill-Istati Membri fl-isforzi nazzjonali tagħhom.

F'Mejju 2020, il-Kummissjoni pproponiet il-**programm l-UE għas-Saħħa** b'dan l-oġġettiv, u l-baġit tagħha ta' EUR 4,7 biljun (wara r-reviżjoni ta' nofs it-terminu tal-QFP) għall-perjodu ta' finanzjament 2021-2027 huwa l-oġġla ammont li qatt ġie allokat għall-politika tas-saħħa fil-livell tal-UE.

²⁰ Intlaħaq [ftehim politiku](#) f'Diċembru 2023

Il-programm l-UE għas-Saħħa jiffinanzja inizjattivi biex jissaħħaħ l-aċċess għall-kura tas-saħħa, tiġi appoġġata l-forza tax-xogħol tas-saħħa, u jiġu integrati s-sistemi tas-saħħa nazzjonali, filwaqt li jiġu stabbiliti l-pedamenti għal sistemi reżiljenti u ċċentrati fuq il-pazjent. Ippermettelnha wkoll nirreaġixxu malajr għal emerġenzi tas-saħħa, bħall-pandemija tal-COVID-19 u t-tifqigħa tal-ġidri tax-xadini fl-2022. Huwa lest li jappoġġa l-azzjonijiet fil-qafas tal-Ispazju Ewropew tad-*Data* dwar is-Saħħa u jsaħħaħ l-isforzi biex jiġu indirizzati l-kanċer u l-mard rari. Is-sinerġija mal-programm qafas tal-UE Orizzont Ewropa tat spinta lir-riċerka u l-innovazzjoni f'ħafna oqsma differenti tas-saħħa. Pereżempju, fl-2023 tnediet Sħubija Ewropea dwar it-Trasformazzjoni tas-Sistemi tas-Saħħa u tal-Kura²¹.

Permezz tal-**Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza**, ġew allokati EUR 43 biljun²² mill-Istati Membri għal miżuri relatati mal-kura tas-saħħa fil-Pjanijiet nazzjonali tagħhom għall-Irkupru u r-Reżiljenza. Dawk il-miżuri għandhom l-għan li jindirizzaw il-lakuni fl-infrastruttura, in-nuqqas ta' ħaddiema, il-ħtiġijiet tad-diġitalizzazzjoni u n-nuqqasijiet fil-kura primarja, fost oqsma oħra. Il-Kummissjoni tipprovdi gwida politika u rakkomandazzjonijiet relatati mas-saħħa lill-Istati Membri permezz tas-Semestru Ewropew. Il-Fondi tal-Politika ta' Koeżjoni, inkluż il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali u l-Fond Soċjali Ewropew Plus, jgħinu lill-Istati Membri jtejbu r-reżiljenza, l-aċċessibbiltà u l-effettività tas-sistemi tas-saħħa tagħhom. Permezz tal-Inizjattivi ta' Investiment fir-Rispons għall-Coronavirus (CRII u CRII+) u l-Assistenza fl-Irkupru għall-Koeżjoni u għat-Territorji tal-Ewropa (REACT-EU), adottati fl-2020, l-appoġġ tal-UE għas-sistemi tal-kura tas-saħħa fil-qafas tal-programmi tal-Politika ta' Koeżjoni 2014-2020 żdied b'EUR 16,7 biljun għal total ta' aktar minn EUR 32 biljun. Madwar EUR 12,6 biljun huma ppjanati għas-saħħa fil-qafas tal-perjodu ta' programmazzjoni 2021-2027 tal-fondi tal-Politika ta' Koeżjoni, li minnhom madwar EUR 1,3 biljun huma allokati għad-diġitalizzazzjoni tal-kura tas-saħħa u l-e-Saħħa.

L-Istrument ta' Appoġġ Tekniku jikkomplementa dawn l-istrumenti ta' finanzjament tal-UE billi jipprovdi għarfien espert lill-Istati Membri, fuq talba tagħhom, biex jimplimentaw riformi li għandhom l-għan li jtejbu r-reżiljenza, l-aċċessibbiltà u l-inklużività tas-sistemi tas-saħħa tagħhom.

Fid-dawl tal-pandemija, l-istrument Ewropew għal Appoġġ Temporanju biex jittaffew ir-Riskji ta' Oġġid f'Emerġenza (SURE) appoġġa wkoll lill-Istati Membri biex jiffinanzjaw il-miżuri relatati mas-saħħa li jammontaw għal kważi EUR 5 biljun. Minn dawn, 22 % kienu jikkonċernaw il-miżuri meħuda fuq il-post tax-xogħol biex jiġi żgurat ritorn sikur għax-xogħol.

Forza tax-xogħol tas-saħħa soda hija fil-qalba ta' sistemi tas-saħħa reżiljenti. Madankollu, bħalissa l-UE qed tiffaċċja nuqqasijiet sinifikanti ta' professjonisti tas-saħħa, xprunati minn pressjoni għolja ta' impjegi u kundizzjonijiet inadegwati tas-saħħa u s-sikurezza. Barra minn hekk, il-forza tax-xogħol tas-saħħa qed tixjieħ. Biex tgħin fl-indirizzar tan-nuqqas ta' ħaddiema u ħiliet, il-Kummissjoni adottat Pjan ta' Azzjoni²³ b'impenji mmirati biex tgħin fit-titjib tal-kundizzjonijiet tax-xogħol għall-professjonisti tas-saħħa.

²¹ <https://www.thcspartnership.eu/>

²² Iċ-ċifra fit-28 ta' Frar 2024. Id-*data* hija bbażata fuq il-metodoloġija tal-ittagġjar tal-pilastru għat-Tabella ta' Valutazzjoni għall-Irkupru u r-Reżiljenza u tikkorrispondi għall-miżuri allokati għall-qasam ta' politika "Kura tas-saħħa: Reżiljenza, Sostenibbiltà, Adegwatezza, Disponibbiltà, Aċċessibbiltà u Kwalità, inklużi d-diġitalizzazzjoni u l-infrastruttura".

²³ <https://ec.europa.eu/social/BlobServlet?docId=27472&langId=en>

Barra minn hekk, ix-xenarju tal-kura tas-saħħa li qed jevolvi jappella biex jiġu pprovduti aktar opportunitajiet ta' taħriġ u żvilupp għall-forza tax-xogħol tas-saħħa biex jiġi sfruttat il-potenzjal tal-intelliġenza artifiċjali u l-ġhodod diġitali, biex jiġu indirizzati sfidi speċifiċi bħall-kura ġerjatrika multidixxiplinari u l-impatti fuq is-saħħa kkawżati mit-tibdil fil-klima. Il-Kummissjoni tappoġġa lill-Istati Membri għall-ippjanar tal-forza tax-xogħol tas-saħħa²⁴, għaż-żamma tal-ħaddiema tas-saħħa u għat-titjib u t-tiġdid tal-ħiliet tal-forza tax-xogħol tas-saħħa Ewropea²⁵. Fil-qafas tal-Patt għall-Ħiliet, il-Kummissjoni nediet sħubija għall-ħiliet għall-ekosistema tas-saħħa²⁶, kif ukoll sħubija dwar il-ħiliet fuq skala kbira għall-Industrija Ewropea tas-Saħħa.

4.2 Il-prevenzjoni tal-mard mhux komunikabbli

Il-mard mhux komunikabbli (NCDs) jirrappreżenta 80 % tal-mard kollu li jaffettwa liċ-ċittadini tal-UE. Dawn jinkludu l-mard kardjovaskulari, il-kanċer, id-dijabete, u l-mard newroloġiku, inklużi kwistjonijiet tas-saħħa mentali. Illum, aktar minn 90 % tal-imwiet fl-UE jistgħu jiġu attribwiti għal mard bħal dan. F'Ġunju 2022, il-Kummissjoni ppreżentat **Healthier Together – l-Inizjattiva tal-UE dwar il-Mard Mhux Komunikabbli**, li nħolqot mal-partijiet ikkonċernati u mal-Istati Membri biex jitnaqqas il-piż²⁷ tal-NCDs ewlenin. Il-ħames fergħat tagħha jkopru l-mard kardjovaskulari, id-dijabete, il-mard respiratorju kroniku, is-saħħa mentali u l-mard newroloġiku, u d-determinanti tas-saħħa trażversali, inklużi l-fatturi ta' riskju ambjentali, kummerċjali u relatati mal-istil ta' ħajja. Hija tidentifika l-prijoritajiet, l-aħjar prattiki, u l-oqsma fejn hija meħtieġa azzjoni.

It-tniġġis ambjentali u t-tibdil fil-klima qed jaggravaw l-NCDs kollha. Permezz tal-inizjattivi fl-ambitu tal-Patt Ekoloġiku Ewropew²⁸ u b'mod partikolari fil-qafas tal-Pjan ta' Azzjoni ta' Tniġġis Żero²⁹, il-Kummissjoni ħadet aktar azzjoni biex tindirizza t-tniġġis tal-arja, tal-ilma u tal-ħamrija. Minkejja titjib sinifikanti fil-kwalità tal-arja matul l-aħħar ftit deċennji, it-tniġġis tal-arja għadu l-akbar riskju għas-saħħa relatat mal-ambjent, b'mortalità u morbidità³⁰ sinifikanti assoċjati ma' dan ir-riskju (b'madwar 250,000 mewta prematura stmata fl-Unjoni Ewropea fis-sena). Il-Pjan ta' Azzjoni ta' Tniġġis Żero jippreżenta wkoll mira li sal-2030, l-UE għandha tnaqqas b'aktar minn 55 % l-impatti fuq is-saħħa (imwiet prematuri) tat-tniġġis tal-arja (meta mqabbla mas-sena 2005).

Imniedi fl-2021 fil-qafas tal-Istrateġija tal-UE dwar l-Adattament għat-Tibdil fil-Klima, l-Osservatorju Ewropew dwar il-Klima u s-Saħħa jiġbor evidenza u għarfien espert biex jiggwida t-tfassil tal-politika dwar l-impatti fuq is-saħħa tat-tibdil fil-klima. Fil-COP28 dwar il-klima f'Novembru 2023, il-Kummissjoni approvat l-ewwel Dikjarazzjoni dwar il-Klima u s-Saħħa għall-Istati Membri tal-UE. Din id-Dikjarazzjoni ddeskriviet l-azzjonijiet vitali biex jissaħħu s-sistemi tas-saħħa, tiġi promossa r-riċerka, u tiġi adattata l-imġiba biex jittaffew ir-riskji għas-saħħa relatati mal-klima.

4.3 Il-Pjan tal-Ewropa biex Jingħeleb il-Kanċer

²⁴ [The project – JA HEROES | Proġett tal-Ippjanar tal-Forza tax-Xogħol tas-Saħħa](#)

²⁵ [BeWell – Blueprint alliance for a future health workforce strategy on digital and green skills \(bewell-project.eu\)](#)

²⁶ https://pact-for-skills.ec.europa.eu/about/industrial-ecosystems-and-partnerships/health_en

²⁷ https://knowledge4policy.ec.europa.eu/health-promotion-knowledge-gateway/eu-burden-non-communicable-diseases-key-risk-factors_en

²⁸ https://commission.europa.eu/strategy-and-policy/priorities-2019-2024/european-green-deal_mt

²⁹ https://environment.ec.europa.eu/strategy/zero-pollution-action-plan_en

³⁰ Ara, pereżempju, <https://www.eea.europa.eu/publications/harm-to-human-health-from-air-pollution/>

Fl-2022, 2,7 miljun persuna fl-UE ġew dijanjostikati bil-**kanċer**. Il-kanċer se jaffettwa direttament aktar u aktar ċittadini tal-UE maż-żmien u se jkollu impatt kbir fuq is-sistemi u l-ekonomiji tas-saħħa Ewropej, u jikkostitwixxi waħda mill-akbar sfidi tas-saħħa ta' żminijietna. Dan jitlob azzjoni urġenti, konkreta u kollettiva fil-livell tal-UE għall-prevenzjoni u t-trattament tal-kanċer. Dan huwa pjan olistiku li jlaqqa' flimkien ix-xjenzati, il-pazjenti u r-riċerkaturi għall-ewwel darba.

Fi Frar 2021, fl-aktar fażi akuta tal-pandemija, il-Kummissjoni ppreżentat il-**Pjan tal-Ewropa biex Jingħeleb il-Kanċer**, li jsaħħaħ l-impenn politiku tagħha li tbiddel il-mewġa kontra l-kanċer. Il-Missjoni tal-UE dwar il-Kanċer³¹ tnediet f'Settembru 2021, u ġġenerat għarfien u evidenza kruċjali biex tgħin lill-Istati Membri jimplimentaw strateġiji effettivi għall-kontroll tal-kanċer. Il-Pjan tal-Ewropa biex Jingħeleb il-Kanċer, bl-appoġġ ta' EUR 4 biljun f'finanzjament, nieda għadd rekord ta' proġetti, azzjonijiet u inizjattivi li jindirizzaw l-erba' pilastru ewlenin tal-Pjan dwar il-Kanċer, dejjem b'approċċ li jpoġġi lin-nies fuq quddiem: il-prevenzjoni, id-detezzjoni bikrija, l-aċċess ugwali għat-trattament u l-kwalità tal-ħajja. Flimkien mal-atturi kollha u mal-isforzi kkombinati fil-livell nazzjonali u tal-UE, il-Pjan tal-Ewropa biex Jingħeleb il-Kanċer jiġbor flimkien riżorsi mdaqqsa, jikkoordina l-azzjonijiet, inaqqas il-frammentazzjoni u l-inugwaljanzi bejn il-pajjiżi u jipprovdi rispons aktar effettiv u aktar ugwali għall-kanċer bil-pazjent fiċ-ċentru.

Il-prevenzjoni hija aktar effettiva minn kwalunkwe kura. Huwa stmat li madwar 40 % tal-każijiet tal-kanċer fl-UE huma prevenibbli. Wieħed mill-għanijiet tal-Pjan dwar il-Kanċer huwa li jelimina l-kanċer ċervikali u kanċers oħra kkawżati mill-virus. Fl-2024, il-Kummissjoni ppreżentat proposta għal Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar **kanċers prevenibbli b'vaċċin** biex tgħin lill-Istati Membri tal-UE jżidu t-teħid tat-tilqim kontra l-papillomavirus umani (HPV) u l-virus tal-Epatite B (HBV).

Fir-rigward tal-prevenzjoni, l-għarfien huwa setgħa, u l-Kummissjoni qed taħdem biex taġġorna u tespandi r-rakkomandazzjonijiet ibbażati fuq l-evidenza tal-**Kodiċi Ewropew kontra l-Kanċer** u qed tiżviluppa Applikazzjoni Mobbli tal-UE għall-Prevenzjoni tal-Kanċer biex tikkomunika informazzjoni ċara u aċċessibbli dwar il-fatturi ta' riskju tal-kanċer.

It-tabakk għadu l-kawża ewlenija ta' kanċers li jistgħu jiġu evitati. Il-Kummissjoni tinsab ukoll fil-proċess li twettaq evalwazzjoni komprensiva tal-qafas legali ġenerali dwar il-kontroll tat-tabakk, biex tappoġġa lill-Istati Membri fil-kisba ta' Ġenerazzjoni Ħielsa mit-Tabakk. Il-Kummissjoni tibqa' impenjata wkoll għall-ambizzjoni stabbilita fil-Pjan dwar il-Kanċer fir-rigward tat-tnaqqis tal-konsum dannuż tal-alkoħol, li jibqa' tħassib għas-saħħa pubblika fl-UE. Id-detezzjoni bikrija ttejjeb il-possibiltajiet li l-kanċer jitfejjaq u li jiġu salvati l-ħajjiet. Fl-2022, u għall-ewwel darba fi kważi 20 sena, l-UE introduċiet **linji gwida moderni u bbażati fuq ix-xjenza għall-iskrinjar tal-kanċer**³² biex ittejjeb id-detezzjoni bikrija, li tkopri t-tipi ta' kanċer li flimkien jammontaw għal aktar minn nofs il-każijiet ġodda kollha dijanjostikati kull sena. L-għan huwa li jiġi żgurat li 90 % tal-persuni li għandhom jiġu skrinjati għall-kanċer tas-sider, ċervikali u koloretta li jiġu offruti l-iskrinjar sal-2025 u li jżied l-iskrinjar tal-kanċer ibbażat fuq il-popolazzjoni biex jinkludi kanċers oħra, bħall-kanċer tal-pulmun u tal-prostata.

Il-protezzjoni tal-forza tax-xogħol mill-kanċer hija ta' importanza kbira għall-promozzjoni tas-saħħa

³¹ https://research-and-innovation.ec.europa.eu/funding/funding-opportunities/funding-programmes-and-open-calls/horizon-europe/eu-missions-horizon-europe/eu-mission-cancer_en

³² [Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tad-9 ta' Diċembru 2022 dwar it-tisħiħ tal-p... - EUR-Lex \(europa.eu\)](#)

okkupazzjonali u għall-iżgurar ta' forza tax-xogħol sostenibbli. L-esponiment għall-karċinoġeni fuq il-post tax-xogħol joħloq riskji serji għas-saħħa tal-ħaddiema u jista' jwassal għal kumplikazzjonijiet tas-saħħa fit-tul, inklużi diversi forom ta' kanċer. Fl-UE, saru passi sinifikanti f'dan ir-rigward permezz ta' leġislazzjoni komprensiva u miżuri ta' sikurezza fuq il-post tax-xogħol immirati biex jimminimizzaw l-esponiment għall-karċinoġeni. Matul dan il-mandat, bħala parti mill-Pjan tal-UE dwar il-Kanċer, l-UE kompliet tistabbilixxi l-limiti fuq l-esponiment okkupazzjonali għas-sustanzi li jikkawżaw il-kanċer.

Biex jittejjeb l-aċċess għal kura ta' kwalità għolja, l-ewwel **Network tal-UE ta' Ċentri Komprensivi tal-Kanċer** se jiġi stabbilit sal-2025 bl-għan li jiġi żgurat li 90 % tal-pazjenti eliġibbli kollha jkollhom aċċess għal dawn iċ-ċentri u b'hekk jitnaqqsu d-disparitajiet fil-kura tal-kanċer. L-ewwel **Reġistru tal-UE tal-Inugwaljanzi b'rabta mal-Kanċer** jipprovdi informazzjoni vitali dwar ix-xejriet u s-servizzi tal-kanċer, u jgħin lil dawk li jfasslu l-politika jifhmu aħjar u jindirizzaw l-inugwaljanzi. Barra minn hekk, il-Pjan jappella għall-ħidma biex jingħata aċċess aħjar għall-mediċini u taħriġ għall-forza tax-xogħol fil-kura tal-kanċer. Fil-qasam tal-kwalità tal-ħajja, in-**Network għas-Superstiti Żgħażaġħ tal-Kanċer**, imniedi fi Frar 2022, joffri l-għajnuna lill-pazjenti żgħażaġh permezz ta' appoġġ bejn il-pari u l-Missjoni tal-UE dwar il-Kanċer nediet djalogu ma' superstiti żgħażaġh tal-kanċer, li rriżulta f'opportunitajiet ta' finanzjament komplementari fi ħdan l-UE għas-Saħħa u Orizzont Ewropa. Il-kwalità tal-ħajja għal dawk li ħajjithom intlaqtet mill-kanċer hija prijorità tal-Pjan u għaddejja ħidma biex tintemm id-diskriminazzjoni fl-aċċess għas-servizzi finanzjarji.

Billi jistabbilixxi linji gwida għall-prevenzjoni, l-iskrinjar, id-dijanjożi, it-trattament u l-kura ta' wara l-kanċer, il-Pjan dwar il-Kanċer jippermetti livell għoli ta' kura fl-Istati Membri kollha u jipprevjeni d-disparitajiet fl-aċċess għal trattament ta' kwalità u b'hekk inaqqas il-lakuni u jipprovdi tama lill-pazjenti kollha tal-kanċer u lill-familji tagħhom. Il-pjan juri kemm tista' tkun effettiva l-koordinazzjoni fil-livell tal-UE fit-titjib tas-saħħa u l-benesseri taċ-ċittadini tal-UE.

4.4 L-indirizzar ta' mard rari

Il-mard rari, li jaffettwa 8 % tal-popolazzjoni tal-UE, jew 36 miljun Ewropew, huwa eżempju importanti ieħor fejn il-kooperazzjoni fil-livell tal-UE hija essenzjali. Hemm eluf ta' tipi ta' mard rari, inklużi l-kanċers, iżda kull marda taffettwa biss għadd relattivament żgħir ta' pazjenti. Dan jeħtieġ il-ġbir ta' *data*, għarfien espert u riżorsi fil-livell tal-UE, fejn l-azzjoni konġunta hija l-aktar effettiva.

In-Networks ta' Referenza Ewropej (ERNs), jgħaqqdu l-fornituri speċjalizzati tal-kura tas-saħħa bejn il-fruntieri, u jiffaċilitaw il-kooperazzjoni, ir-riċerka u l-iżvilupp tat-trattament. Minħabba li ż-żmien medju ta' dijanjożi għall-mard rari huwa ta' 5 snin, l-24 ERN iffaċilitaw konsultazzjonijiet virtwali għal aktar minn 3 800 każ ta' pazjenti billi għenu fl-ivvjaġġar tal-għarfien espert u fl-għoti ta' dijanjożi, pjanijiet ta' trattament u tweġibiet lill-pazjenti u lill-familji tagħhom. L-ERNs ipproduċew aktar minn 400 linja gwida klinika, stabbilew reġistri tal-pazjenti bid-*data* għal aktar minn 50 000 pazjent, u qed itejbu b'mod effettiv il-kura għall-pazjenti b'mard rari madwar l-Ewropa. Għaddejja l-ħidma biex l-ERNs jiġu inkorporati fis-sistemi nazzjonali tal-kura tas-saħħa, billi jiġu żviluppati perkorsi ta' konsultazzjoni għal pazjenti b'mard rari.

Barra minn hekk, riċerka reċenti ffinanzjata minn Orizzont Ewropa wriet li l-ġenomika toffri potenzjal importanti biex jiġu indirizzati ħafna każijiet ta' mard rari mhux solvuti. Għalhekk, l-UE tkompli tinvesti fl-inizjattiva "Aktar minn miljun ġenoma" biex tikseb il-massa kritika meħtieġa ta' *data* billi

tippermetti l-aċċess sigur għall-ġenomika madwar il-kontinent mingħajr ma tittrasferixxi d-*data* sensittiva ħafna.

4.5 Is-salvagwardja tas-saħħa mentali

Meta ssejtn kwalunkwe kriżi, normalment ikunu daww l-aktar vulnerabbli li jbatu l-aktar. Anke qabel il-pandemija tal-COVID-19, il-problemi tas-saħħa mentali kienu qed jaffettwaw madwar ċittadin wieħed minn kull sitta fl-UE (84 miljun persuna) — b'kost stmat ta' aktar minn EUR 600 biljun (aktar minn 4 % tal-PDG). It-tnedija għall-ewwel darba tal-**Approċċ Komprensiv lejn is-Saħħa Mentali** f'Ġunju 2023 fetĥet kapitulu ambizzjuż ġdid għall-azzjoni tal-UE f'dan il-qasam. Abbażi ta' tliet prinċipji ta' gwida: il-prevenzjoni, il-ġlieda kontra l-istigma, l-aċċess għal kura u trattament ta' kwalità, u r-riintegrazzjoni, it-tqegħid tas-saħħa mentali fl-istess livell tas-saħħa fiżika, l-appoġġ għas-saħħa mentali fl-oqsma kollha ta' politika, mill-edukazzjoni sad-diġitalizzazzjoni u l-ippjanar urban, u r-rikonoxximent tar-rwol pożittiv tan-natura u ta' ambjent nadif kemm għas-saħħa mentali kif ukoll għal dik fiżika.

Il-programmi tal-UE joffru EUR 1,23 biljun f'opportunitajiet ta' finanzjament għal 20 inizjattiva ewlenija biex jappoġġaw lill-Istati Membri u lill-partijiet ikkonċernati tal-UE. Pereżempju, il-Portal tal-Aħjar Prattiki tal-UE juri prattiki tas-saħħa mentali ewlenin u promettenti, li jistgħu jispiraw lil oħrajn biex jaġixxu. Il-kampanji ta' sensibilizzazzjoni mmexxija mill-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol (EU-OSHA) jgħinu biex jiġu indirizzati l-kwistjonijiet ta' saħħa mentali relatati max-xogħol. L-UE qed taħdem ukoll mal-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa biex tgħin lill-Istati Membri jiżviluppaw approċċi tas-saħħa mentali li jiffukaw fuq il-prevenzjoni. F'dawn l-isforzi, tingħata attenzjoni speċjali lil daww l-aktar vulnerabbli, b'mod partikolari t-tfal u ż-żgħażaġħ. L-inizjattivi jinkludu proġett mal-UNICEF dwar "il-promozzjoni ta' approċċ komprensiv u orjentat lejn il-prevenzjoni għas-saħħa tat-tfal", u l-iżvilupp ta' network tas-saħħa mentali tat-tfal u ż-żgħażaġħ. Wieħed mill-oqsma ta' politika ewlenin tas-**Sena Ewropea taż-Żgħażaġħ 2022** kien li tingħata spinta lill-iżvilupp personali, soċjali u professjonali taż-żgħażaġħ. Dan kien jinkludi enfasi speċjali fuq is-saħħa mentali. Tnedew għadd ta' inizjattivi relatati mas-saħħa mentali fis-Sena Ewropea taż-Żgħażaġħ bħar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-2022 dwar il-**Perkorsi għas-Suċċess fl-Iskola** u l-**Grupp ta' Esperti għall-appoġġ tal-benesseri fl-iskola**. Dan il-Grupp ta' Esperti żviluppa linji gwida konkreti għal daww li jfasslu l-politika u għall-edukaturi dwar l-indirizzar tal-benesseri u s-saħħa mentali fl-iskola, ippublikati f'Mejju 2024. L-UE u l-Istati Membri qed iħejju wkoll sħubija Ewropea dwar is-Saħħa tal-Moħħ (fi ħdan Orizzont Ewropa), li se tkopri wkoll ir-riċerka dwar is-saħħa mentali u tiżviluppa ekosistema biex tiffaċilita u tikkoordina l-attivitajiet ta' riċerka u innovazzjoni.


Permezz tal-UE għas-Saħħa, il-Kummissjoni qed tiffinanzja proġetti biex tappoġġa t-titjib tas-saħħa mentali u l-benesseri psikosoċjali fil-popolazzjonijiet tal-migranti u tar-refuġjati, b'enfasi partikolari fuq in-nies mill-Ukrajna. Aktar minn EUR 34 miljun mill-programm L-UE għas-Saħħa biex jgħinu lin-nies li qed jaħjarbu mill-Ukrajna fi bżonn urġenti ta' appoġġ għas-saħħa mentali u għat-trauma, inkluż permezz ta' proġett mal-Federazzjoni Internazzjonali tas-Soċjetajiet tas-Salib l-Aħmar u tan-Nofs Qamar l-Aħmar li jipprovdi appoġġ psikoloġiku tal-ewwel għajnuna għall-persuni spostati u affettwati tal-Ukrajna. Għaddejnin ukoll proġetti addizzjonali ma' organizzazzjonijiet mhux governattivi għall-aħjar prattiki biex jittejbu s-saħħa mentali u l-benesseri psikoloġiċi fil-popolazzjonijiet tal-migranti u tar-refuġjati.

4.6 L-isfruttar tas-setgħa tad-diġitalizzazzjoni fis-saħħa

L-Ispazju Ewropew tad-Data dwar is-Saħħa (EHDS) huwa inizjattiva ewlenija tal-Unjoni Ewropea tas-Saħħa, u approċċ li jgħib bidla radikali li għandu l-għan li jisfrutta s-setgħa tad-diġitalizzazzjoni u li jagħti s-setgħa lill-pazjenti biex jikkontrollaw u jikkondividu aħjar id-data tagħhom dwar is-saħħa. Dan għe propost mill-Kummissjoni f'Mejju 2022 u l-koleġiżlaturi laħqu ftehim politiku f'Marzu 2024, li wassal għall-adozzjoni mill-Parlament Ewropew f'April 2024. L-EHDS se jintroduċi regoli ċari għall-użu tad-data elettronika dwar is-saħħa, u se jiffaċilita t-twassil tal-kura tas-saħħa, ir-riċerka, l-innovazzjoni u t-tfassil tal-politika aħjar, f'konformità sħiħa mal-istandards tal-protezzjoni tad-data tal-UE.

Il-pazjenti se jkollhom aċċess immedjat, bla ħlas u faċli għad-data tagħhom f'forma elettronika u se jkunu jistgħu jikkondividu din id-data mal-professionisti tal-kura tas-saħħa madwar l-Istati Membri. Id-dokumenti tal-kura tas-saħħa, bħas-sommarji tal-pazjenti, ir-riżultati tal-laboratorju tar-riċetti elettroniċi, l-immaġnijiet, ir-rapporti dwar l-immaġnijiet, u r-rapporti tar-rilaxx, se jiġu skambjati f'format Ewropew komuni. Dan se jtejjeb il-kura tas-saħħa li jirċievu l-pazjenti, ikunu fejn ikunu fl-UE. Se jnaqqas ukoll ir-ripetizzjonijiet bla bżonn u għaljin ta' dawk li kultant ikunu proċeduri u testijiet mediċi invażivi.

B'mod parallel, l-EHDS se jawtonomizza l-użu tad-data dwar is-saħħa għar-riċerka, l-innovazzjoni, it-tfassil tal-politika u l-attivitajiet regolatorji, taħt kundizzjonijiet stretti ħafna li jiproteġu dik id-data personali. Dan se javvanza r-riċerka u l-innovazzjoni, jappoġġa l-iżvilupp ta' trattamenti ġodda importanti, jidentifika l-effetti sekondarji tal-mediċini u jgħin biex jissaħħu s-sistemi tas-saħħa.



L-UE tinvesti f'teknoloġiji ġodda, inkluża l-intelliġenza artifiċjali li tgħaqqad diversi tipi u sorsi ta' data dwar is-saħħa. Għal dan l-għan, is-setgħa tad-data ingranata permezz tal-Ispazju Ewropew tad-Data dwar is-Saħħa u infrastrutturi speċjalizzati tad-data (bħal "Aktar minn miljun ġenoma", Cancer Image Europe jew EOSC- Life), flimkien mal-computing ta' prestazzjoni għolja se jtejjbu d-detezzjoni bikrija, it-tbassir u l-prevenzjoni, filwaqt li jkomplu jtejjbu d-dijanjożi u t-trattamenti.

5. Is-Saħħa Globali

Il-pandemija tal-COVID-19 enfasizzat kif, fid-dinja interkonnessa tagħna, is-saħħa hija qasam ta'

politika globali u b'dimensjoni ġeopolitika ċara. Il-pandemija enfasizzat il-ħtieġa urġenti għal approċċ tal-UE aktar ikkoordinat għas-saħħa globali, u għal kooperazzjoni globali akbar fid-dawl ta' theddid għas-saħħa interkonness bħall-pandemiji, il-kriżi planetarja tripla (it-tibdil fil-klima, it-tniġġis ambjentali u t-telf tal-bijodiversità) u r-reżistenza għall-antimikrobiċi. Dan it-theddid aktarx jikber, u l-UE u d-dinja jeħtieġ ikunu lesti biex jirrispondu.

L-UE kellha rwol ċentrali fl-iżvilupp rapidu, l-espansjoni u d-distribuzzjoni ekwa tal-vaċċini, it-terapewtika u d-dijanjożtika tal-COVID-19. Madwar żewġ terzi tad-dożi tal-vaċċini prodotti fl-UE —

3,1 biljun doża — ġew esportati lejn il-bqija tad-dinja u salvaw miljuni ta' ħajjiet. L-UE kienet membru fundatur u sostenitur qawwi tal-Aċċeleratur tal-Aċċess għall-Għodod kontra l-COVID (ACT-A) u l-akbar donatur għall-COVAX — l-inizjattiva multilaterali għal aċċess ekwu globali għall-vaċċini kontra l-COVID-19. L-UE hija ddeterminata li tkompli dan il-perkors u hija impenjata li tipprevjeni u tiġġielel it-theddid għas-saħħa globalment, billi tapplika approċċ "Saħħa Waħda".

L-UE tfittex ukoll li tnaqqas il-vulnerabbiltajiet tal-katina tal-provvista li jirriżultaw mid-dipendenzi billi tippromwovi d-diversifikazzjoni. Minħabba l-kumplessità tal-prodotti farmaċewtiċi, l-industrija tal-UE jeħtieġ li jkollha aċċess għal firxa wiesgħa ta' inputs essenzjali. Il-politika u s-sħubijiet kummerċjali għandhom l-għan li jiftħu swieq ġodda u jiddiversifikaw is-sorsi tal-provvista u jikkomplementaw l-isforzi msaħħa biex jitnaqqsu d-dipendenzi eċċessivi għall-ktajjen tal-provvista kritiċi permezz ta' implimentazzjoni bir-reqqa ta' ftehimiet kummerċjali preferenzjali, kif ukoll tal-ħidma fi ħdan fora internazzjonali bħall-G20, il-G7 u d-WTO.

lċ-ċertifikat COVID Diġitali tal-UE stabbilixxa standard globali għall-ivvjaġġar internazzjonali u kien l-aktar sistema mifruxa li operat fil-livell internazzjonali. Minn din is-sistema bbenefikaw 51 pajjiż u territorju mhux tal-UE f'erba' kontinenti. Fl-1 ta' Lulju 2023, l-UE għaddiet is-sistema ta' ċertifikazzjoni diġitali tal-COVID-19 lid-WHO, sabiex tiżviluppa sistema għall-verifika globali tad-dokumenti tas-saħħa biex twassal saħħa aħjar għal kulħadd u tipproteġi liċ-ċittadini madwar id-dinja mit-theddid għas-saħħa.

L-UE qed taħdem kontinwament b'mod multilaterali biex issawwar ordni tas-saħħa globali ġdid permezz ta' impenn aktar strateġiku u effettiv. Dan jinkludi l-bini ta' governanza globali soda, l-għoti tal-prijorità lis-sħubijiet u lid-djalogu internazzjonali fil-livell multilaterali, reġjonali u bilaterali, l-indirizzar tad-diżinformazzjoni, u l-għoti ta' finanzjament aktar effettiv. L-UE saret dejjem aktar attiva f'fora multilaterali, inklużi l-G7, il-G20, l-Assemblea Ġenerali tan-NU kif ukoll id-WHO, u fi ħdan l-Istrument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali tagħha hija donatur ewlieni għall-fondi globali (eż. il-Fond għall-Pandemiji, il-GAVI, il-Fond Globali).

Fil-kuntest ġeopolitiku attwali, bil-gwerra ta' aggressjoni Russa li għaddejja bħalissa kontra l-Ukrajna u l-kunflitt f'Gaza, l-UE appoġġat l-evakwazzjoni medika (Medevac) tal-pazjenti. Mill-gwerra tar-Russja kontra l-Ukrajna, twettqu aktar minn 3100 operazzjoni ta' evakwazzjoni medika permezz tal-Mekkaniżmu tal-Unjoni għall-Protezzjoni Ċivili (UCPM). Il-Kummissjoni ilha tikkoopera mill-qrib mad-WHO, b'mod partikolari fl-istabbiliment taċ-ċentru tal-Medevac tal-UE fil-Polonja biex tiġi appoġġata l-Ukrajna, u fl-iskjerament tal-esperti mediċi tal-Istati Membri biex jiġu appoġġati l-operazzjonijiet tad-WHO f'Gaza.

L-UE qed taqdi rwol ewlieni fin-negozjati tal-Ftehim dwar il-Pandemiji, li għandu l-għan li jsaħħaħ ir-regoli internazzjonali dwar it-tnejjija u r-rispons għall-pandemiji.

Il-Kummissjoni ppubblikat **Strateġija** għidha **tal-UE għas-Saħħa Globali** f'Novembru 2022 biex tiżgura approċċ koerenti, effettiv u ffukat mad-dinja kollha³³. L-ewwel u qabel kolloxx, l-Istrateġija tindika d-determinazzjoni tal-UE li terġa' tafferma r-responsabbiltà u t-tmexxija tagħha fis-saħħa globali, abbażi ta' valuri fundamentali bħas-solidarjetà, l-ekwità, u r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem. Hija tqis is-saħħa globali bħala pilastru essenzjali tal-politika esterna tal-UE li tirrappreżenta d-dimensjoni esterna tal-Unjoni Ewropea tas-Saħħa u komponent ewlieni tal-Global Gateway, li jibni sħubijiet bejn partijiet ugwali mal-pajjiżi sħab ibbażati fuq ir-responsabbiltà konġunta u s-sjieda konġunta. Fil-qafas tal-Global Gateway, l-UE u l-Istati Membri qed jgħinu biex jiġu indirizzati l-inugwaljanzi, tittejjeb is-sigurtà tas-saħħa u tiżdied ir-reżiljenza tas-sistemi tas-saħħa globalment, jinvolvu ruħhom mas-sħab globali biex jiġi żgurat aċċess ekwu madwar id-dinja għad-dijanostika, il-vaċċini u t-trattamenti, it-tnejjija għall-pandemiji, il-prevenzjoni, u d-detezzjoni bikrija tal-emerġenzi tas-saħħa. L-inizjattiva ta' Tim Ewropa dwar il-manifattura tal-vaċċini, il-mediċini u t-teknoloġiji tas-saħħa u l-aċċess għalihom fl-Afrika (MAV+) immobilizzat aktar minn EUR 1,3 biljun f'finanzjament mill-UE, mill-Istati Membri u mill-istituzzjonijiet ta' finanzjament Ewropej biex jimplementaw l-azzjonijiet permezz ta' 89 proġett fil-livell kontinentali, reġjonali u lokali. Pereżempju fir-Rwanda, il-Global Gateway tipprovdi appoġġ ta' aktar minn EUR 103 miljun għall-manifattura lokali u l-aċċess għall-vaċċini, il-mediċini u t-teknoloġiji tas-saħħa inkluż impjant lokali għall-manifattura tal-vaċċini bit-teknoloġija mRNA. Barra minn hekk, l-UE qed taħdem biex tapprofondixxi l-kooperazzjoni dwar il-manifattura tal-vaċċini, il-mediċini u t-teknoloġiji tas-saħħa, u ssaħħaħ is-sistemi tas-saħħa fil-kuntest tas-Sħubija tas-Saħħa bejn l-UE u l-Amerka Latina u l-Karibew (LAC). It-tiżiħ tas-saħħa globali huwa investiment fis-sigurtà tas-saħħa globali, fl-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli, u fil-protezzjoni tas-saħħa tan-nies kollha, ikunu fejn ikunu.

6. Il-ġejjieni

B'mod ġenerali, u bis-saħħa tal-kooperazzjoni bejn il-Kummissjoni u l-Istati Membri, l-UE issa tinsab f'pożizzjoni ħafna aktar b'saħħitha minn 5 snin ilu fil-qasam tas-saħħa. Iżda l-kompjaċenza ma hijiex għażla. Għad fadal ħafna xogħol xi jsir biex intejbu aktar il-politiki tas-saħħa tagħna. Is-saħħa, għalhekk, jeħtieġ tibqa' prijorità politika.

Se jkompli jitfaċċa theddid għdid, u għandha tingħata attenzjoni partikolari lill-AMR, lit-theddid għas-saħħa kkawżat mit-tibdil fil-klima u lit-theddid CBRN. Il-kooperazzjoni hija meħtieġa f'diversi livelli — fil-livell Ewropej, nazzjonali, reġjonali u globali, biex is-sigurtà tas-saħħa tagħna tkompli tissaħħaħ.

L-UE qed tiffaċċja għadd kbir ta' sfidi tas-saħħa lil hinn minn tifqigħat ta' mard. In-nuqqas ta' mediċini madwar l-Ewropa qed ifixkel il-pjanijiet ta' trattament għall-mard kroniku, bħall-kanċer u d-dijabete. L-adozzjoni tar-riforma proposta tal-leġiżlazzjoni farmaċewtika tal-UE se tkun vitali biex jittejjeb l-aċċess għall-mediċini u d-disponibbiltà tagħhom, flimkien ma' azzjonijiet oħra li jindirizzaw in-nuqqasijiet ta' mediċini kritiċi bħall-ħidma mwettqa mill-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini u l-Alleanza għall-Mediċini Kritiċi. Biex l-Istati Membri jiġu appoġġati fl-aċċess għall-mediċini fil-qasam tal-mard rari u tal-mediċini orfni, strumenti bħall-Akkwist Konġunt jistgħu jiġu esplorati aktar.

³³ https://ec.europa.eu/commission/presscorner/detail/mt/ip_22_7153

Bl-istess mod, l-Ewropa tibbenefika jekk tissaħħaħ ir-riċerka medika, u tingħata spinta lill-bijoteknoloġiji u lill-bijomanifattura, f'konformità mal-Komunikazzjoni reċenti “Nibnu l-futur bin-natura: It-tiżiħ tal-Bijoteknoloġija u l-Bijomanifattura fl-UE”³⁴. L-iżvilupp bil-mod ta' mediċini, dijanjostika u terapiji ġodda jħalli lil kulħadd vulnerabbli għal mard futur u jagħmilha aktar diffiċli biex jiġi ġestit dak eżistenti. L-AMR hija eżempju ewlieni. L-investiment fir-riċerka għal antimikrobiċi ġodda, alternattivi għall-antimikrobiċi, u dijanjostika rapida, filwaqt li jiġi traċċat it-tixrid ta' batterji reżistenti u jiġi identifikat theddid emerġenti, huwa essenzjali. Dan jirrikjedi l-kooperazzjoni mill-qrib f'diversi setturi, skont approċċ “Saħħa Waħda”, li jippromwovi r-riċerka u jkompli jappella għall-użu prudenti u responsabbli tal-antibijotiċi. Biex inħaffu r-riċerka u l-iżvilupp fir-rigward tal-antimikrobiċi u l-kontromiżuri mediċi għal pandemiji futuri, għandna nkomplu naħdmu flimkien mal-Istati Membri biex il-provi kliniċi fl-UE jsiru attraenti, effiċjenti u rapidi. It-tiżiħ tal-provi kliniċi pan-Ewropej għandu jkompli.

Fl-istess ħin, filwaqt li nitgħallmu mill-esperjenza tal-pandemija tal-COVID-19 u nkunu konxji mill-isfidi li ġejjin, is-sistemi tas-saħħa għandhom ikomplu jissaħħu, b'forza tax-xogħol tas-saħħa reżiljenti u mħarrġa sew fil-qalba. Il-Kummissjoni se żżomm l-appoġġ tagħha għar-riforma tas-sistemi tas-saħħa nazzjonali, billi tipprovdi pariri u finanzjament bil-fondi tal-UE.

Il-popolazzjoni tal-Ewropa qed tixjieħ u dan iġib miegħu konsegwenzi għall-politika tas-saħħa — inkluż dwar il-lonġevità b'saħħitha u l-mard mhux komunikabbli, inkluż il-mard newrodeġenerattiv. Dan jirrikjedi li jiġi esplorat kif għandha tiġi ttrattata l-lonġevità biex is-soċjetajiet tagħna jibqgħu b'saħħithom, anke meta jixjieħu. Is-sejbien ta' trattamenti effettivi u fl-aħħar mill-aħħar kura għal kundizzjonijiet ta' indeboliment bħall-marda ta' Alzheimer u ta' Parkinson jeħtieġ investiment sinifikanti fir-riċerka u kooperazzjoni internazzjonali. Il-futur tal-kura tas-saħħa se jiddependi wkoll mill-approċċi tal-mediċina personalizzata. L-avvanzi fil-ġenomika u t-teknoloġiji tad-*data*, bħall-intelliġenza artifiċjali, jistgħu jippermettu t-tfassil tat-trattamenti, itejbu l-effettività tagħhom u jnaqqsu l-effetti sekondarji.

Il-mard mhux komunikabbli jibqa' prijorità ewlenija. L-UE wriet l-impenn tagħha li tindirizza l-NCDs, b'enfasi fuq il-prevenzjoni tul il-ħajja ta' persuna, il-promozzjoni ta' stili ta' ħajja tajbin għas-saħħa u l-koordinazzjoni tal-politika fis-setturi kollha, bl-użu tal-Pjan tal-Ewropa biex Jingħeleb il-Kanċer bħala mudell, u t-tiżiħ tal-inizjattivi eżistenti bħall-Inizjattiva “Healthier Together” biex jiġu indirizzati l-isfidi ewlenin bħall-mard kardjovaskulari. Permezz tal-Komunikazzjoni dwar is-Saħħa Mentali tal-2023, il-Kummissjoni se tkompli tagħti prijorità lill-aktar gruppi vulnerabbli fis-soċjetajiet tagħna, b'enfasi partikolari fuq it-tfal u ż-żgħażaġħ. L-Unjoni Ewropea tas-Saħħa diġà qed ttejjji għal dawn l-isfidi. L-EHDS għandu l-potenzjal li jibdel kompletament il-kura tas-saħħa fl-UE billi jimmassimizza l-potenzjal enormi tas-saħħa diġitali. Il-qafas finanzjarju pluriennali attwali li jibqa' għaddej sal-2027 se jkompli jipprovdi appoġġ finanzjarju u tekniku lill-Istati Membri u lill-partijiet ikkonċernati f'dan il-qasam, inkluż permezz tal-Programm l-UE għas-Saħħa u l-Programm Ewropa Diġitali. Huwa essenzjali li jiġi esplorat ukoll kif l-intelliġenza artifiċjali tiġi integrata fil-kura tas-saħħa u t-titjib tal-ħiliet diġitali tal-professionisti tal-kura tas-saħħa għal effiċjenza, aċċessibbiltà u sostenibbiltà mtejbini.

Ir-riskji serji għas-saħħa — mit-theddid pandemiku jew epidemiku li qed jizjed għall-impatti tat-tibdil fil-klima u tal-NCDs fuq is-saħħa — huma interkonnessi u xprunati mill-kriżi planetarja tripla.

³⁴ https://ec.europa.eu/commission/presscorner/detail/mt/ip_24_1570

Unjoni Ewropea tas-Saħħa b'saħħitha, innovattiva u inklużiva teħtieġ kooperazzjoni fil-livelli kollha f'approċċ "Saħħa Waħda".

Barra minn hekk, fis-snin li g'ejjin, it-tħejjija għal Unjoni akbar se tirrikjedi li jiġi żgurat li UE mkabbra futura tkun reżiljenti għall-isfidi tas-saħħa u li l-politiki tas-saħħa pubblika jkunu kkoordinati tajjeb fost l-Istati Membri, u mal-pajjiżi fil-procc ta' adeżjoni.

7. Konklużjoni

Il-pandemija tal-COVID-19 kienet kriżi tas-saħħa globali li qalbet id-dinja tagħna ta' taħt fuq. Sfidat is-soċjetajiet tagħna, l-ekonomiji tagħna, u l-istil ta' ħajja Ewropew tagħna. Hija enfasizzat ukoll il-punti dgħajfa fis-sistemi tas-saħħa tagħna u tatna xi tagħlimiet ċari. Il-metodi ta' ħidma innovattivi użati matul il-pandemija tal-COVID-19 u warajha juru li l-UE tista' twassal ir-riżultati b'mod qawwi u magħqud, billi tapplika r-regoli b'mod kreattiv, għall-benefiċċju taċ-ċittadini tagħna. L-aktar tagħlima b'saħħitha kienet ukoll l-aktar waħda sempliċi — aħna aktar b'saħħitna u aktar reżiljenti meta l-Kummissjoni u l-Istati Membri kollha tal-UE jikkollaboraw f'solidarjetà, u meta mas-sħab internazzjonali tal-istess fehma nlaqqgħu flimkien il-punti b'saħħithom tagħna għal rispons globali aħjar.

Matul dan il-mandat, il-Kummissjoni u l-Istati Membri ngħaqdu flimkien biex jagħtu rispons komprensiv għall-akbar theddida għas-saħħa f'seklu. B'mod parallel, huma ħadu passi mingħajr preċedent biex imorru lil hinn mis-sempliċi għieda kontra l-pandemija. Abbażi tas-solidarjetà u d-determinazzjoni li wriet matul il-kriżi, l-UE bniet Unjoni Ewropea tas-Saħħa b'saħħitha u reżiljenti għaċ-ċittadini kollha tagħna. L-Unjoni Ewropea tas-Saħħa tfitteż li tiżgura li l-Istati Membri kollha jkunu mħejjija aħjar u jirrispondu flimkien għal kriżijiet tas-saħħa futuri. biex tippromwovi l-innovazzjoni u l-kompetittività Ewropea fis-settur tal-kura tas-saħħa, ħalli l-ħtiġijiet tal-pazjenti jkunu jistgħu jiġu indirizzati bl-appoġġ tal-atturi kollha meħtieġa. Is-solidarjetà u l-kooperazzjoni jimxu id f'id mar-reżiljenza, mat-tama, mas-sigurtà u mal-ilħuq tal-aspettattivi taċ-ċittadini fit-territorji kollha, inkluż dawk rurali u remoti, fir-rigward tal-għoti tal-aħjar kura tas-saħħa. Din hija l-Unjoni Ewropea tas-Saħħa fl-azzjoni: li twieġeb għall-ħtiġijiet taċ-ċittadini u tqiegħed l-ekwità fl-aċċess u l-kura fil-qalba tal-Unjoni Ewropea.

Matul is-snin li g'ejjin, l-Unjoni Ewropea tas-Saħħa se tkompli tevolvi u tikber biex tippromwovi aktar is-saħħa u l-benesseri tan-nies madwar l-UE u lil hinn minnha.

Id-dinja nbidlet b'mod irrevokabbli mill-2019. U se tkompli tinbidel. Bis-saħħa ta' Unjoni Ewropea tas-Saħħa soda, issa l-UE hija mħejjija aħjar biex tiffaċċja l-ġejjieni u l-effetti tiegħu fuq is-saħħa taċ-ċittadini tagħna.